

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**ID-DEĊIŻJONI Nru 45/2016 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABILIT SKONT IL-FTEHIM TA' GĦARFIEN REĊIPROKU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA**

**tal-1 ta' Marzu 2017**

**relatata mal-elenkar ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fl-Anness Settorjali għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika [2017/465]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 14;

Billi l-Kumitat Konġunt irid jieħu deċiżjoni li jelenka Korp jew Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità taħt Anness Settorjali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità fl-Hemża A qed jiżdied mal-lista ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika.
2. Il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-elenkar, fir-rigward ta' prodotti u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità indikati fl-Hemża A, ġew miftiehma mill-Partijiet u se jinżammu minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt li huma awtorizzati joperaw fisem il-Partijiet għall-finijiet ta' emendar tal-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ minn dakinhar li ssir l-aħħar waħda minn dawn il-firem.

*F'isem l-Istati Uniti tal-Amerika*

James C. SANFORD

Iffirmat f'Washington DC, fit-13 ta' Frar 2017

*F'isem l-Unjoni Ewropea*

Ignacio IRUARRIZAGA

Iffirmat fi Brussell, fl-1 ta' Marzu 2017

*Hemża A*

**Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità tal-KE miżjud mal-lista ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika**

PRIMA RICERCA & SVILUPPO S.r.l.  
via Campagna, 92  
I-22020 Faloppio (Como)  
L-ITALJA